Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 13/21**

il-Lussemburgu, 3 ta' Frar 2021

Sentenza fil-Kawża C-555/19

Fussl Modestraße Mayr GmbH vs SevenOne Media GmbH *et*

# Il-projbizzjoni li, fil-kuntest tal-programmi televiżivi Ġermaniżi mxandra fuq livell nazzjonali, jixxandar reklamar fuq livell reġjonali biss tista' tmur kontra d-dritt tal-Unjoni

*Fil-fatt, jista' jkun li, minn naħa, din il-projbizzjoni totali tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tinżamm in-natura pluralista tal-offerta tal-programmi televiżivi, billi tirriżerva d-dħul mir-reklamar televiżiv reġjonali għall-istazzjonijiet reġjonali u lokali, u, min-naħa l-oħra, li toħloq inugwaljanza inammissibbli bejn ix-xandara televiżivi nazzjonali u l-fornituri ta' servizzi ta' reklamar fuq l-internet*

Il-kumpannija rregolata mid-dritt Awstrijak, Fussl Modestraße Mayr GmbH, tmexxi numru ta' ħwienet tal-moda stabbiliti fl-Awstrija kif ukoll fil-Land ta' Bayern (il-Ġermanja). Fl-2018, hija kkonkludiet kuntratt ma' SevenOne Media GmbH, l-impriża ta' kummerċjalizzazzjoni tax-xandar televiżiv Ġermaniż ProSiebenSat.1. Dan il-kuntratt kien ikopri x-xandir, fil-Land ta' Bayern biss, ta' reklamar fil-kuntest ta' programmi tal-istazzjon nazzjonali ProSieben.

Madankollu, SevenOne Media rrifjutat li teżegwixxi dan il-kuntratt. Fil-fatt, mill-2016, Trattat tal-Istat konkluż mil-Länder jipprojbixxi lix-xandara televiżivi milli jinkludu, fix-xandiriet nazzjonali tagħhom, reklamar televiżiv li x-xandir tiegħu jkun limitat għal livell reġjonali. Din il-projbizzjoni hija intiża li tirriżerva d-dħul mir-reklamar televiżiv reġjonali għall-istazzjonijiet reġjonali u lokali billi tiżguralhom b'hekk sors ta' finanzjament u, għaldaqstant, is-sostenibbilà tagħhom, sabiex dawn ikunu jistgħu jikkontribwixxu għan-natura pluralista tal-offerta tal-programmi televiżivi. Il-projbizzjoni għandha magħha "klawżola ta' ftuħ", li tippermetti lil-Länder jawtorizzaw ir-reklamar reġjonali fil-kuntest ta' programmi nazzjonali.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Landgericht Stuttgart (il-Qorti Reġjonali ta' Stuttgart, il-Ġermanja), adita b'kawża dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratt inkwistjoni, għandha dubji dwar il-konformità ta' din il-projbizzjoni mad-dritt tal-Unjoni.

Din il-kawża twassal lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, tapplika ċerti prinċipji stabbiliti mill-ġurisprudenza tagħha fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif ukoll tinterpreta l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") fil-kuntest partikolari ta' projbizzjoni ta' reklamar reġjonali fuq l-istazzjonijiet televiżivi nazzjonali. Tali analiżi ma tistax tinjora l-eżistenza ta' servizzi ta' reklamar ipprovduti fuq pjattaformi internet li jistgħu jikkostitwixxu kompetizzjoni għall-media tradizzjonali.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-ewwel lok, fir-rigward tad-Direttiva "Servizzi tal-Media Awdjoviżiva" [1], il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-Artikolu 4(1) tagħha, li jistipula li l-Istati Membri għandhom, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-possibbiltà li jipprevedu regoli iktar iddettaljati jew iktar stretti fl-oqsma koperti minn din id-direttiva, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi tat-telespettaturi, ma japplikax fil-każ ineżami. Fil-fatt, għalkemm il-projbizzjoni inkwistjoni taqa' taħt qasam kopert mid-direttiva, jiġifieri dak tar-reklamar

[1] Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU 2010, L 95, p. 1, rettifika fil-ĠU 2010, L 263, p. 15).

televiżiv, hija madankollu tikkonċerna qasam speċifiku li ma huwiex irregolat minn wieħed mill-artikoli tad-direttiva u barra minn hekk ma għandhiex l-għan ta' protezzjoni tat-telespettaturi. Għaldaqstant, hija ma tistax tiġi kklassifikata bħala regola "iktar iddettaljata" jew "iktar stretta", fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva, b'tali mod li din id-dispożizzjoni ma tipprekludix tali projbizzjoni.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-konformità tal-projbizzjoni inkwistjoni mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, iggarantita mill-Artikolu 56 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata, qabelxejn, li tali projbizzjoni tinkludi restrizzjoni għal din il-libertà fundamentali għad-detriment kemm tal-fornituri ta' servizzi ta' reklamar, jiġifieri x-xandara televiżivi, kif ukoll tad-destinatarji ta' dawn is-servizzi, jiġifieri, dawk li jirreklamaw, b'mod partikolari dawk stabbiliti fi Stati Membri oħra. Sussegwentement, fir-rigward tal-ġustifikazzjoni ta' din ir-restrizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li ż-żamma tan-natura pluralista tal-offerta tal-programmi televiżivi tista' tikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess ġenerali. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-proporzjonalità tar-restrizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, ċertament, l-għan marbut maż-żamma tal-pluraliżmu tal-media, sa fejn huwa marbut mad-dritt fundamentali għal-libertà ta' espressjoni, jirriżerva lill-awtoritajiet nazzjonali setgħa diskrezzjonali wiesgħa. Madankollu, il-projbizzjoni inkwistjoni għandha tkun xierqa sabiex tiżgura li jintlaħaq dan l-għan u ma tistax tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva, minn naħa, li l-projbizzjoni inkwistjoni tista' tiġi affettwata minn inkoerenza, marbuta mal-fatt, li għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali, li hija tapplika biss għas-servizzi ta' reklamar ipprovduti mix-xandara televiżivi u mhux għas-servizzi ta' reklamar, b'mod partikolari lineari, ipprovduti fuq l-internet. Fil-fatt jista' jkun hemm żewġ tipi ta' servizzi kompetituri fis-suq Ġermaniż tar-reklamar li jistgħu jippreżentaw l-istess riskju għall-kundizzjoni finanzjarja tax-xandara televiżivi reġjonali u lokali u, għaldaqstant, għall-għan ta' protezzjoni tal-pluraliżmu tal-media [2]. Min-naħa l-oħra, għal dak li jikkonċerna l-ħtieġa tal-projbizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li miżura inqas restrittiva tista' tirriżulta mill-implimentazzjoni effettiva tas-sistema ta' awtorizzazzjoni fil-livell tal-Länder prevista mill-"klawżola ta' ftuħ". Madankollu, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk din il-miżura *a priori* inqas restrittiva tistax effettivament tiġi adottata u implimentata b'mod li jiġi żgurat li, fil-prattika, l-għan imfittex ikun jista' jintlaħaq.

Fit-tielet lok, għal dak li jirrigwarda l-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni kif iggarantita mill-Artikolu 11 tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li din ma tipprekludix projbizzjoni ta' reklamar reġjonali fuq l-istazzjonijiet televiżivi nazzjonali, bħal dik li tinsab fil-miżura nazzjonali inkwistjoni. Fil-fatt, din il-projbizzjoni tirriżulta essenzjalment minn ibbilanċjar bejn, minn naħa, il-libertà ta' espressjoni ta' natura kummerċjali tax-xandara televiżivi nazzjonali u ta' dawk li jirreklamaw, u, min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tal-pluraliżmu tal-media fuq livell reġjonali u lokali. Għaldaqstant, il-leġiżlatur Ġermaniż seta' leġittimament jikkunsidra, mingħajr ma jaqbeż il-marġni ta' diskrezzjoni kbir tiegħu f'dan il-kuntest, li s-salvagwardja tal-interess pubbliku kellha tipprevali fuq l-interess privat tax-xandara televiżivi nazzjonali u ta' dawk li jirreklamaw.

Fir-raba' u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta, lanqas ma jipprekludi l-projbizzjoni inkwistjoni, sakemm din ma twassalx għal inugwaljanza fit-trattament bejn ix-xandara televiżivi nazzjonali u l-fornituri ta' reklamar, b'mod partikolari lineari, fuq l-internet għal dak li jirrigwarda x-xandir ta' reklamar fuq livell reġjonali. F'dan ir-rigward, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk is-sitwazzjoni tax-xandara televiżivi nazzjonali u dik tal-fornituri ta' servizzi ta' reklamar, b'mod partikolari lineari, fuq l-internet fir-rigward tal-provvista ta' servizzi ta' reklamar reġjonali humiex, għal dak li jirrigwarda l-elementi li jikkaratterizzaw is-sitwazzjonijiet rispettivi tagħhom, jiġifieri, b'mod partikolari, il-metodi abitwali ta' użu tas-servizzi ta' reklamar, il-mod li bih jiġu pprovduti jew anki l-kuntest legali li minnu jagħmlu parti, sinjifikattivament differenti.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib

[2] Iċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali huma, f'dan ir-rigward, essenzjalment paragunabbli għal dawk li wasslu għas-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Corporación Dermoestética, C-500/06 (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa Nru 56/08).

soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106.*